



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14343/19

JURINFO 31
EJUSTICE 150
JAI 1224

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Identifikatur Ewropew tal-Każistika (ECLI) u sett minimu ta' metadata uniformi għall-każistika inkluż ECLI 2.0

Id-delegazzjonijiet isibu hawn taħt il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Identifikatur Ewropew tal-Każistika (ECLI) u sett minimu ta' metadata uniformi għall-każistika, inkluż ECLI 2.0 adottat mill-Kunsill fis-7 ta' Ottubru 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Identifikatur Ewropew tal-Każistika (ECLI)
u sett minimu ta' metadata uniformi għall-każistika

I. INTRODUZZJONI

1. L-Artikolu 67(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi t-twaqqif ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja b'rispett għad-drittijiet fundamentali u s-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri.
2. Il-pjanijiet ta' azzjoni pluriennali Ewropej dwar il-Ġustizzja Elettronika 2009-2013, 2014-2018 u 2019-2023 tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jisħqu dwar l-importanza tal-aċċess għall-każistika nazzjonali, il-ħtieġa ta' standardizzazzjoni u arkitettura teknika deċentralizzata.
3. Ir-Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar ir-rwol tal-imħallef nazzjonali fis-sistema ġudizzjarja Ewropea tisħaq fuq il-ħtieġa ta' aċċess transfruntier għall-każistika nazzjonali li tippermetti li l-imħallfin nazzjonali jaqdu r-rwol tagħhom fl-ordni ġuridiku Ewropew.

II. IDENTIFIKAZZJONI TA' ĦTIĠIJET

4. Spazju Ewropew ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fejn tista' sseħħ kooperazzjoni ġudizzjarja ma jeħtieġx biss l-għarfien tad-dritt Ewropew, iżda b'mod partikolari l-għarfien reċiproku tas-sistemi legali ta' Stati Membri oħra.
5. Il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika għandu jilħaq l-oġettiv tat-tixrid tal-informazzjoni dwar is-sistemi legali tal-UE u tal-Istati Membri u għandu jservi bħala strument utli għaċ-ċittadini, il-professjonisti legali kif ukoll l-awtoritajiet tal-Istati Membri.

6. L-għarfien dwar is-sustanza u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea ma tistax tinkiseb biss minn sorsi legali tal-UE, iżda għandha tiġi kkunsidrata wkoll il-każistika tal-qrati nazzjonali, fir-rigward ta' deċiżjonijiet li jitolbu deċiżjoni preliminari, deċiżjonijiet li jsegwu deċiżjoni preliminari kif ukoll daww li japplikaw waħedhom id-dritt tal-UE.
7. Permezz ta' appoġġ finanzjarju jew l-involvement dirett mill-Unjoni Ewropea, f'dawn l-aħħar snin rajna inizjattivi li jappoġġaw il-miri msemmija hawn fuq, bħalma huma l-meta search engine tan-Netwerk tal-Presidenti tal-Qrati Supremi Ġudizzjarji tal-Unjoni Ewropea, il-bażijiet ta' data Dec.Nat. u Jurifast tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u tal-Ġurisdiżżjonijiet Amministrattivi Supremi tal-Unjoni Ewropea, il-bażi ta' data JURE (Ġurisdiżżjoni, Rikonossiment, Infurzar) tal-Kummissjoni Ewropea, l-EUR-Lex, u l-bażi ta' data tal-każistika tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.
8. L-użu u l-appoġġ ta' dawn l-inizjattivi ssottolinjaw il-ħtieġa għal tali bażijiet ta' data iżda l-esperjenza uriet li t-tiftix f'dawn il-bażijiet ta' data ħafna drabi huwa kumpless ħafna u mhux faċli għall-utent.
9. Studju li sar minn task group tal-Grupp ta' Hídma dwar il-Liġi Elettronika għamilha ċara li apparti l-problemi bil-multilingwiżmu, dawn il-problemi huma l-aktar minħabba n-nuqqas ta' identifikaturi uniformi għall-każistika. Fil-livell nazzjonali jeżistu diversi sistemi ta' identifikazzjoni, xi wħud minnhom magħżula mill-qorti, oħrajn speċifiċi għall-bejjieġh. Bażijiet ta' data magħmula biex issir riċerka dwar każistika minn Stati Membri diversi – li minnhom dawn ta' hawn fuq huma biss xi ftit eżempji – xi kultant jivvintaw is-sistema ta' identifikazzjoni proprja tagħhom, u xi kultant jagħmlu użu mill-ġdid ta' waħda jew aktar mis-sistemi ta' nnumerar nazzjonali. Għaldaqstant it-tiftix u ċ-ċitazzjoni tal-każistika fil-kuntest transfruntier huma ferm diffiċli: identifikaturi li jinħarġu minn sistema waħda jaf ma jkunux kompatibbli ma' sistemi oħra.

10. L-istudju msemmi hawn fuq għamilha ċara li jeżistu problemi komparabbli għall-metadata użata biex tiddekrivi l-każistika. Il-fatt li kważi l-bażijiet ta' data nazzjonali u Ewropej kollha jużaw regoli ta' tismija u tfassil differenti għall-metadata jxekkel il-possibbiltajiet ta' tiftix transfruntier effettiv u faċli ta' każistika għall-imħallfin, il-professjonisti legali u ċ-ċittadini.

III. IDENTIFIKAZZJONI TA' SOLUZZJONIJIET

11. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, il-prinċipju tad-deċentralizzazzjoni approvat mill-Pjanijiet ta' Azzjoni Ewropej dwar il-Ġustizzja Elettronika u l-prinċipji tal-Qafas Ewropew tal-Interoperabbiltà, bażi ta' data Ewropea ċentralizzata unika ma għandhiex tissostitwixxi soluzzjonijiet nazzjonali. Barra minn hekk, il-ħtiġijiet speċifiċi tal-utenti li jirriżultaw għal oqsma speċifiċi tal-liġi jirrikjedu bażijiet ta' data differenti b'funzjonalitajiet differenti, kemm jekk huma ta' natura pubblika kif ukoll kummerċjali.
12. Għaldaqstant, kemm biex jiġi ffaċilitat [...] l-iżvilupp ulterjuri tal-bażijiet ta' data dwar il-każistika Ewropea kif ukoll biex jinqdew il-professjonisti legali u ċ-ċittadini fl-użu tagħhom ta' dawn il-bażijiet ta' data, huwa indispensabbli li jkun hemm sistema komuni għall-identifikazzjoni, iċ-ċitazzjoni u l-metadata tal-każistika. Tali standard komuni jkun kompatibbli mal-prinċipji li ssemew fil-paragrafu preċedenti.
13. Għall-identifikazzjoni tad-deċiżjonijiet ġuridiċi għandu jintuża identifikatur standard li jkun jintgħaraf, jinqara u jinftiehem kemm mill-bniedem kif ukoll mill-kompjuters, u li jkun kompatibbli mal-istandards teknoloġiċi. Fl-istess ħin huwa mixtieq li s-sistemi nazzjonali ta' identifikazzjoni jkunu jistgħu joperaw b'mod parallel ma' tali standard Ewropew, iżda wkoll li standard Ewropew jista' jservi bħala l-uniku standard nazzjonali għal dawk il-pajjiżi li jixtiequ hekk.
14. Minħabba li l-organizzazzjoni tal-qradi u l-applikazzjonijiet tal-IT użati mill-qradi jvarjaw mhux biss bejn l-Istati Membri iżda wkoll fl-istess Stat Membru, għandu jkun possibbli li tiġi implimentata sistema ta' identifikazzjoni u metadata qorti b'qorti.

15. F'konformità mal-prinċipji ddikjarati dwar il-proporzjonalità u d-deċentralizzazzjoni, id-deċiżjonijiet dwar il-parteciċipazzjoni tal-qrati u t-tribunali f'din is-sistema ta' identifikazzjoni tal-każistika u metadata jridu jittieħdu fil-livell nazzjonali.
16. Minħabba li l-aċċettazzjoni tal-qrati u l-gvernijiet tal-Istati Membri hija ta' importanza kbira għall-implimentazzjoni u l-użu ta' sistema ta' identifikazzjoni u metadata għall-każistika, saru konsultazzjonijiet dwar din ir-rakkomandazzjoni man-Netzwerk tal-Präsidenten tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-Unjoni Ewropea, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u tal-Ġurisdiżjonijiet Amministrattivi Supremi tal-Unjoni Ewropea, in-Netzwerk Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura, l-inizjattiva LEX, il-workshop CEN/Metalex, Semic.EU, il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, ġew ikkunsidrati wkoll l-Identifikatur Ewropew tal-Leġislazzjoni u Akoma Ntoso, sabiex tiġi ottimizzata l-interoperabbiltà ma' daww il-istandards.
17. Is-sistema ta' identifikazzjoni u metadata għandha tkun magħrufa sew ma' ċittadini u l-professjonisti legali. Barra minn hekk, biex jiġiebu l-possibbiltajiet li tinstab każistika li tkun fornuta b'identifikatur u metadata kif deskritt fl-Anness I, dawn id-deċiżjonijiet ġuridiċi għandhom ikunu jistgħu jifittxu – bl-identifikatur u sett minimu ta' metadata – permezz ta' magna tat-tiftix komuni. L-arkitettura ta' din il-magna tat-tiftix komuni għandha tkun deċentralizzata u integrata fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika. Minkejja li magna tat-tiftix komuni ssaħħa l-utilizzabbiltà ta' sistema ta' identifikazzjoni u metadata, din ma għandhiex tkun prerekwiżit għall-introduzzjoni tal-identifikazzjoni u l-metadata fil-livell nazzjonali.
18. Il-magna tat-tiftix komuni ma għandux ikollha biss il-possibbiltà li tindika deċiżjonijiet minn websajts tal-ġudikatura iżda wkoll minn websajts oħrajn li jiddisseminaw il-każistika, pereżempju f'verżjonijiet sommarji jew tradotti.

IV. DWAR L-ESTENSJONIJIET U T-TITJIB FL-ECLI

19. Tmien snin wara l-adozzjoni tal-ewwel verżjoni ta' dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, l-ECLI ġie implimentat f'bażijiet ta' data pubbliċi b' deċiżjonijiet tal-qrati minn sbatax-il Stat Membru, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bordijiet tal-Appell tal-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi. Ħafna minn dawn il-bażijiet ta' data ġew indiċjati permezz tal-Magna tat-Tiftix tal-ECLI, li ġiet żviluppata mill-Kummissjoni Ewropea f'konformità mal-paragrafu 27-f.
20. L-ECLI qed jintuża b'ħala l-uniku mod jew b'ħala mod addizzjonali ta' ċitazzjoni f'ħafna ġurisdizzjonijiet. Fil-“Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar l-Aħjar Prattiki rigward il-Pubblikazzjoni Online tad-Deċiżjonijiet tal-Qorti”¹ l-użu tal-ECLI u l-interkonnessjoni tal-bażijiet ta' data nazzjonali tal-każistika bil-Magna tat-Tiftix tal-ECLI ġew identifikati b'ħala l-aħjar prattika.
21. Minkejja l-fatt li jista' jitqies li l-ECLI kkontribwixxa għaż-żieda fl-aċċessibilità għall-informazzjoni legali u għall-kwalità tagħha għall-benefiċċju tal-komunità legali, tfaċċaw xi nuqqasijiet tal-qafas tal-ECLI. Fl-istess ħin, żviluppi teknoloġiċi u għarfien ġdid joffru opportunitajiet għal titjib li jista' jkun ta' benefiċċju għall-komunità legali. Għaldaqstant, ikun ta' vantaġġ li jsiru xi titjib u estensjonijiet tal-istandard.
22. Madankollu, minħabba l-għadd ta' implimentazzjonijiet tal-ECLI, il-bidliet tekniċi fl-istandard jew l-estensjonijiet tiegħu ma għandhomx ixejjerkli l-investimenti magħmula fl-implimentazzjonijiet attwali u dawk li għadhom għaddejjin. F'dan il-kuntest, il-ġurisdizzjonijiet li implimentaw l-ECLI:
 - a. Ma għandhomx jiġu sfurzati jimplimentaw il-karatteristiċi l-ġodda, u
 - b. Il-karatteristiċi l-ġodda għandhom ikunu kompatibbli b'mod retroattiv mal-ispeċifikazzjonijiet oriġinali.

¹ ĠU 2018/C 362/02, 8.10.2018.

23. It-titjib u l-estensjonijiet tal-istandard tal-ECLI oriġinali jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:
- a. L-identifikatur tal-ECLI għandu jiġi definit ukoll bħala HTTP-URI. Dan ifisser li ser ikun hemm mod standardizzat kif ECLI jiġi indirizzat fuq l-internet.
 - b. F'xi ġurisdizzjonijiet, ir-raba' element tal-identifikatur ECLI – is-sena li fiha tkun ingħatat is-sentenza – mhuwiex speċifiku biżżejjed. Bħala soluzzjoni, ix-xahar u l-jum jiġu ta' spiss miżjuda mal-ħames element biex titneħħa l-ambigwità. Għal raġunijiet ta' qosor, ċarezza u faċilità tal-qari, ir-raba' element għandu jkollu l-possibbiltà li jiġi estiż bix-xahar u l-jum.
 - c. L-ECLI jidentifika deċiżjoni tal-qorti f'livell astratt – indipendentement mill-verżjoni lingwistika, temporali u editorjali tagħha jew il-format tekniku tagħha. Fit-terminoloġija li tintuża ta' spiss tar-Rekwiżiti Funzjonali għar-Rekords Biblijografiċi (FRBR), l-ECLI jidentifika deċiżjoni tal-qorti fil-livell operattiv. Madankollu, jeżistu ħafna każijiet ta' użu fejn huwa wkoll meħtieġ li tiġi identifikata, u/jew li ssir referenza għal deċiżjoni tal-qorti fil-livell ta' espressjoni jew ta' manifestazzjoni. Biex jiġu evitati soluzzjonijiet lokali inkompatibbli li jilqgħu għal dawn il-ħtiġijiet, hemm bżonn ta' estensjoni għall-identifikatur tal-ECLI: l-Estensjoni tal-Lingwa tal-ECLI (ECLI-XL).
 - d. Bl-ECLI, id-deċiżjoni tal-qorti kollha kemm hi biss tista' tiġi identifikata u/jew ċitata, filwaqt li ta' spiss tkun trid issir referenza għal partijiet speċifiċi ta' deċiżjoni. Biex jinħoloq mod standardizzat biex jiġu stabbiliti konnessjonijiet profondi ma' partijiet speċifiċi ta' deċiżjonijiet tal-qorti, biex jitjiebu l-possibbiltajiet li ssir tfittxija għal dokumenti li jirreferu għal tali partijiet speċifiċi kif ukoll biex titwitta t-triq għal magni sofistikati ta' raġunament legali, l-ECLI-XL jintroduċi wkoll mod standard biex jiġu identifikati partijiet speċifiċi ta' deċiżjoni u biex issir referenza għalihom.
 - e. Il-metadata tal-ECLI teħtieġ titjib u rfinar, anke fir-rigward tal-ECLI-XL.

24. L-ispeċifikazzjonijiet għall-ECLI-XL huma deskritti fil-Parti II tal-Anness I, filwaqt li l-metadata addizzjonali ġiet miżjuda fil-parti III tal-Anness I.
25. Gwida għall-komunità legali dwar l-użu tal-ECLI u l-ECLI-XL hija inkluża fl-Anness II.

V. INTRODUZZJONI TAL-ECLI

26. L-Istati Membri huma mistiedna jintroduċu, fuq bażi volontarja fil-livell nazzjonali, l-Identifikatur Ewropew tal-Każistika (ECLI) u sett minimu ta' metadata uniformi għall-każistika.
27. Ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin ikunu japplikaw għall-Istati Membri li jiddeċiedu li jintroduċu l-ECLI u sett minimu ta' metadata uniformi għall-każistika:
 - a. L-ECLI għandu jiġi applikat kif speċifikat fil-parti I tal-Anness I għad-deċiżjonijiet kollha mogħtijin mill-qrati u t-tribunali kollha tagħhom;
 - b. L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-deċiżjonijiet kollha tal-qrati u t-tribunali li jiġu ppubblikati fil-websajts pubbliċi bis-sett minimu ta' metadata kif imniżżel fil- parti III tal-Anness I;
 - c. L-Istati Membri għandhom jaħtru koordinatur nazzjonali tal-ECLI kif deskritt fil-parti IV tal-Anness I;
 - d. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE għandha tipparteċipa fis-sistema tal-Identifikatur Ewropew tal-Każistika;

- e. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tistabbilixxi l-websajt tal-ECLI, bħala parti mill-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika, kif deskritt fil-parti V tal-Anness I;
- f. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, f'kollaborazzjoni reċiproka u mill-qrib, magna tat-tiftix interkonnessa, kif imniżżel fil-parti VI tal-Anness I;
- g. L-Istati Membri u l-qradi tagħhom għandhom jiddisseminaw informazzjoni dwar l-ECLI, il-websajt u l-magna tat-tiftix tal-ECLI fuq il-websajts u l-pubblikazzjonijiet nazzjonali tagħhom, anke jekk l-ECLI ma jiġix introdott f'dak l-Istat Membru speċifiku;
- h. Apparti l-Istati Membri, il-pajjiżi kandidati u l-Istati ta' Lugano huma mħeġġa jużaw is-sistema tal-ECLI; u
- i. Kull sena l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kunsill dwar il-progress li jkun sar bl-introduzzjoni tal-ECLI u l-metadata għall-każistika.

Anness I – Dwar speċifikazzjonijiet tekniċi, organizzazzjoni u implimentazzjoni

I. IL-FORMAT TAL-IDENTIFIKATUR EWROPEW TAL-KAŻISTIKA

1. L-Identifikatur Ewropew tal-Każistika (ECLI) irid jikkonsisti f'dawn il-ħames komponenti li ġejjin, li jridu jidhru fl-ordni li ġejja:
 - a. l-abbrevjazzjoni "ECLI";
 - b. il-kodiċi tal-pajjiż għall-pajjiż li taħtu taqa' l-kompetenza tad-deċiżjoni ġuridika mogħtija.
 - i. Għall-Istati Membri, ħlief fir-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi kandidati, jintuża l-kodiċi tal-Gwida tal-istil interistituzzjonali (ISG COU), kif definit fit-Tabella tal-Awtoritajiet "Pajjiż" tar-Reġistru tal-Metadata;
 - ii. Għal pajjiżi oħra, u għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE u l-pajjiżi u territorji extra-Ewropej elenkati fl-Anness II għat-TFUE, jintuża l-kodiċi ISO 3166 alpha-2 (jekk jeżisti wieħed);
 - iii. Mingħajr preġudizzju għas-subparagrafi i u ii, il-qrati li jinsabu fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea jew fil-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej tal-Unjoni Ewropea jistgħu minflok ikollhom kodiċi tal-qorti taħt il-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru tal-UE kkonċernat, jekk ikun hemm qbil reċiproku dwar dan;
 - iv. għall-Unjoni Ewropea jintuża l-kodiċi "EU";

- vi. għall-organizzazzjonijiet internazzjonali kodiċi għandu jiġi deċiż mill-Kummissjoni Ewropea, b'kont meħud tal-kodiċijiet li jibdwu b' "X" kif diġà qed jintużaw mill-istituzzjonijiet Ewropej, kif ukoll il-kodiċijiet eżistenti fi ħdan l-ISO 3166 alpha-2;
- c. l-abbrevjazzjoni għall-qorti jew it-tribunal (minn hawn 'il quddiem: il-kodiċi tal-qorti). Il-kodiċi tal-qorti:
 - i. irid ikollu tal-anqas karattru wieħed, u mhux aktar minn seba' karattri;
 - ii. irid jibda dejjem b'ittra, iżda jista' jkun fih ċifri wkoll;
 - iii. għandu jintgħażel b'tali mod li jidher loġiku għall-persuni familjari mal-organizzazzjoni tal-ġudikatura tal-pajjiż ikkonċernat;
 - iv. tal-anqas irid ikun abbrevjazzjoni tal-isem tal-qorti jew it-tribunal, iżda jista' jinkludi wkoll indikazzjoni tal-awla jew id-diviżjoni fl-istess qorti jew tribunal, speċjalment jekk it-tismija tal-awla jew id-diviżjoni hija abitwali fil-prattika taċ-ċitazzjoni tal-pajjiż;
 - v. ma għandux ikun fih informazzjoni dwar it-tip ta' dokument;
 - vi. irid jiġi stabbilit skont it-taqsimha IV-A ta' dan l-Anness.
 - vii. Il-kodiċi tal-qorti "XX" irid ikun riżervat għad-deċiżjonijiet tal-qorti u t-tribunali li mhumiex fil-lista stabbilita mill-koordinaturi nazzjonali tal-ECLI ta' dak l-Istat Membru (parti IV A (paragrafu 46-a)), inkluż deċiżjonijiet minn pajjiżi oħra jew qorti internazzjonali li (jkun għad) ma għandhomx ECLI mill-Istat Membru tal-qorti emittenti.

- d. is-sena tad-deċiżjoni, li trid tkun miktuba b'erba' ċifri, jew id-data eżatta tad-deċiżjoni, li għandha tinkiteb b'hal sssxxjj;
 - e. kodiċi, li jrid ikun uniku fis-sens li m'għandux ikun hemm aktar minn sentenza waħda tal-istess qorti fl-istess sena bl-istess kodiċi. Il-kodiċi m'għandux ikun ta' aktar minn 25 karattru. Il-kodiċi jista' jkun fih tikek ("."), iżda ebda punteġġatura oħra.
2. Il-ħames komponenti tal-ECLI, kif definiti fit-taqsima preċedenti, jistgħu jiġu fformattjati f'wieħed minn żewġ sintassijiet, li huma kompletament ekwivalenti u jistgħu jintużaw b'mod interkambjabbli.
- a. Billi l-komponenti jiġu sseparati b'żewġ punti (":"). Dan huwa l-mod preskritt kif ECLI jiġi ċċitat f'test. Jista' jintuża wkoll f'sistemi awtomatizzati.
 - b. Billi l-komponenti jiġu sseparati b'linja mmejla ("/"). Dan il-format jista' jintuża f'URIs tal-HTTP, f'liema każ għandha tintuża linja mmejla wkoll bejn l-isem tad-dominju u l-ECLI innifsu. Preferibbilment ma għandu jkun hemm ebda element ieħor bejn l-isem tad-dominju u l-ECLI.
3. ECLI m'għandux ikollu spazju bejn il-karattri jew marki tal-punteġġatura, la fil-komponenti kostitwenti, u lanqas bejniethom – ħlief għal dawk imsemmija taħt (1-e) u (2).
4. L-ittri fil-komponenti kollha jridu jkunu biss karattri alfanumeriċi tal-alfabett Latin.
5. Fil-każ fejn l-elementi tal-ECLI jiġu sseparati b'żewġ punti, l-ittri fil-komponenti deskritti f'(1a), (1b), (1c) u (1e) preferibbilment jinkitbu b'ittri kapitali; iżda l-użu tal-ittri kapitali ma għandu jimplika ebda differenza fit-tifsira. Fil-każ fejn l-elementi jiġu sseparati minn linja mmejla, l-ittri kollha għandhom jinkitbu b'ittri żgħar.
6. Biex ma jiġix kompromess l-użu jew il-komprensibbiltà tiegħu, ECLI m'għandu jiġi estiż b'ebda komponent ieħor, ħlief għal dawk deskritti fit-taqsima II.
7. L-ispazju tal-isem ta' ECLI irid jiġi rreġistrat fl-indirizz: <https://e-justice.europa.eu/ecli>.

II. ESTENSJONI TAL-LINGWA TAL-ECLI

8. Il-qafas tal-ECLI huwa mibni fuq il-prinċipji tar-Rekwiżiti Funzjonali għal Reġistri Biblijografiċi (FRBR), li fuqhom huma bbażati wkoll standards oħra fil-qasam tal-informatika legali bħal CEN-Metalex, URN:LEX u Legal DocML (Akoma Ntoso).
9. It-terminu "ECLI" huwa riżervat għall-identifikatur fil-livell operattiv u fil-livell tad-dokument biss.
10. Biex tidentifika jew tirreferi għal-livell ta' espressjoni jew ta' manifestazzjoni, u/jew għal partijiet speċifiċi ta' deċiżjoni tal-qorti, għandha tintuża l-Estensjoni tal-Lingwa tal-ECLI (ECLI-XL), kif deskritt f'din it-taqsim.

A. Identifikatur tal-Livell ta' Espressjoni

11. Espressjoni hija kwalunkwe verżjoni temporali, lingwistika u/jew editjata ta' deċiżjoni tal-qorti fil-livell operattiv. Diversi espressjonijiet jistgħu jiġu identifikati b'mod uniku bl-użu tas-sintassi deskritta f'din it-taqsim.
12. L-elementi li jidentifikaw espressjoni speċifika:
 - a. jitqiegħdu (flimkien ma' xulxin) bejn parentesi singli, sabiex ma tinħoloq ebda konfużjoni mal-ECLI innifsu; ma għandhomx jintużaw parentesi singli jekk ma tkun qed tiġi identifikata ebda espressjoni speċifika;
 - b. għandhom dejjem jitqiegħdu direttament wara l-ECLI innifsu;
 - c. isegwu l-ECLI fir-rigward tar-regoli dwar l-użu tal-ittri kapitali u s-separazzjoni. Fis-sintassi bbażata fuq iż-żewġ punti, id-diversi elementi ta' espressjoni jiġu sseparati b'żewġ punti, waqt li fis-sintassi bbażata fuq il-linja mmejla, id-diversi elementi ta' espressjoni jiġu sseparati b'linja mmejla;
 - d. ikunu preċeduti b'żewġ punti (wara l-parentesi tal-ftuħ) jekk tintuża s-sintassi bbażata fuq iż-żewġ punti, iżda ma jkunux preċeduti minn linja mmejla jekk tintuża s-sintassi bbażata fuq il-linja mmejla;

- e. għandhom sekwenza mandatorja ta' "varjant temporali", "varjant tal-kompilatur", "varjant tal-lingwa", "varjant tal-komprensività", "varjant speċifiku għall-kompilatur";
- f. jistgħu jinqabżu kollha.

13. L-element tal-varjant temporali:

- a. Jista' jintuża biex jiġu ttikkettati verżjonijiet temporali differenti tax-xogħol. Dawn il-verżjonijiet jistgħu jinħolqu biss mill-awtur tax-xogħol, jiġifieri mill-qorti, biex pereżempju tiġi ttikkettata verżjoni emendata jew ikkoreġuta;
- b. Għandu jitħalla barra jekk tkun l-ewwel u/jew l-unika verżjoni;
- c. Fih l-ittra "T" u numru tas-serje, fejn "T2" jista' jiġi assenjat għat-tieni verżjoni, u sussegwentement bl-istess mod; jekk tkun teżisti verżjoni sussegwenti, l-ewwel verżjoni tista' wkoll tiġi ttikkettata b'mod espliċitu bħala "T1", biex jiġi indikat li teżisti verżjoni oħra.

14. L-element tal-kompilatur:

- a. Jista' jintuża biex jiġu ttikkettati verżjonijiet differenti minn "kompilaturi" jew "pubblikaturi";
- b. Għandu jitħalla barra jekk il-kompilatur ikun l-awtur tax-xogħol;
- c. Huwa kodiċi ta' minn tlieta sa ħames karattri li l-ewwel karattru tiegħu jkun ittra;
- d. Ma jista' jkun l-istess bħal ebda kodiċi tal-lingwa ta' ISO 639-2 jew l-abbrevjazzjonijiet tal-manifestazzjonijiet kif elenkati fil-paragrafu 18;
- e. Jiġi assenjat minn reġistru li jinżamm mill-Kummissjoni Ewropea u jrid ikun irreġistrat fih. Ir-reġistru ser jinżamm fid-dominju pubbliku bħala parti mill-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

15. L-element tal-lingwa:

- a. Jista' jintuża biex jiġu ttikkettati verżjonijiet b'lingwa differenti ta' xogħol;
- b. Ikun konformi ma' ISO 639-2;
- c. Mhux meħtieġ li jkun preżenti jekk il-lingwa tal-espressjoni tkun (l-unika) lingwa awtomatika tad-deċiżjoni.

16. L-element tal-komprensività:

- a. Jista' jintuża biex jiġu ttikkettati verżjonijiet differenti ta' xogħol fir-rigward tal-kompletezza tat-test tad-deċiżjonijiet;
- b. Fih l-ittra "C", segwita minn:
 - i. "F" għall-verżjoni sħiħa; peress li din hija s-sitwazzjoni awtomatika, ġeneralment għandha titħalla barra;
 - ii. "A" għal verżjoni mqassra; verżjoni mqassra jkun fiha silta (litterali) tal-aktar paragrafi rilevanti tad-deċiżjoni;
 - iii. "S" għal verżjoni sommarju; verżjoni "sommarju" tkun verżjoni iqsar minn dik sħiħa li tuża (tal-inqas parzjalment) formulazzjoni li tkun differenti mit-test oriġinali. Espressjoni tkun "sommarja" biss jekk ma jkunx fiha t-test sħiħ; jekk ikun hemm sommarju mat-test sħiħ, il-verżjoni tkun "sħiħa" u s-sommarju għandu jiżdied bħala metadata.

17. Element ta' espressjoni speċifika għall-kompilatur:

- a. Jista' jintuża biex jiġu ttikkettati verżjonijiet differenti minn kompilatur wieħed li jkunu differenti mill-ewwel verżjoni, fir-rigward ta' kwalunkwe kriterju ħlief għal dak temporali, ta' komprensività jew dak ta' lingwa;

- b. Għandu jitħalla barra jekk tkun l-ewwel u/jew l-unika verżjoni;
- c. Fih l-ittra “S” u numru tas-serje, fejn “S2” jista’ jiġi assenjat għat-tieni verżjoni, u sussegwentement bl-istess mod; jekk tkun teżisti verżjoni sussegwenti, l-ewwel verżjoni tista’ tiġi ttikkettata “S1”;
- d. Dejjem irid ikun flimkien ma’ element tal-kompilatur jekk il-kompilatur ma jkunx l-awtur tax-xogħol.

B. Identifikatur tal-Livell ta' Manifestazzjoni

18. Manifestazzjoni hija l-materjalizzazzjoni fiżika ta’ espressjoni. Hemm biss element wieħed li jesprimi l-manifestazzjoni. L-element ta’ manifestazzjoni:
 - a. Huwa fakultattiv, u għandu jintuża biss jekk ikun rilevanti;
 - b. Jindika l-format tad-data, ispirat mill-ispeċifikazzjonijiet tal-MIME;
 - c. Jekk jintuża, irid ikollu waħda mill-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: doc, docx, html, json, odt, pdf, rdf, rtf, tiff, txt, xhtml, xml;
 - d. Isegwi l-identifikatur ta’ espressjoni fir-rigward tar-regoli dwar il-kapitalizzazzjoni;
 - e. Jitqiegħed bejn parentesi singli, sabiex ma tinholq ebda konfużjoni mal-ECLI nnifsu jew mal-identifikatur tal-livell ta’ espressjoni; ma għandhomx jintużaw parentesi singli jekk ma tkun qed tiġi identifikata ebda manifestazzjoni speċifika. L-identifikaturi tal-livell ta’ espressjoni u l-identifikatur tal-livell ta’ manifestazzjoni ma għandhomx ikunu fl-istess par ta’ parentesi;
 - f. Jitqiegħed wara l-identifikaturi tal-livell tal-espressjoni jekk ikunu jeżistu, u wara l-ECLI nnifsu jekk ma jkun jeżisti ebda identifikatur tal-livell ta’ espressjoni;
 - g. Ikun preċedut, bejn il-parentesi, b’żewġ punti jekk tintuża s-sintassi bbażata fuq iż-żewġ punti, u b’tikka jekk tintuża s-sintassi bbażata fuq il-linja mmejla.

C. Frammenti

19. Huwa rakkomandat li d-deċiżjonijiet tal-qorti jiġu strutturati u mmarkati b'tali mod li partijiet speċifiċi minnhom ("frammenti") ikunu jistgħu jiġu identifikati b'mod inekwivoku. Huwa rakkomandat li tintuża s-sintassi deskritta f'din it-taqsim. Alternattivament, jekk jintużaw identifikaturi oħra ta' frammenti, huwa rakkomandabbli li jiġi pprovdut mekkaniżmu ta' mmappjar u li dan il-mekkaniżmu ta' mmappjar jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-ECLI. Anki jekk id-deċiżjonijiet tal-qorti ma jkunux disponibbli bi frammenti identifikabbli, tista' tintuża s-sintassi f'din it-taqsim biex jinħolqu URIs li jirreferu għal frammenti speċifiċi ta' deċiżjonijiet tal-qorti.
20. L-identifikatur tal-frammenti jista' jintuża fil-livell tax-xogħol, fil-livell ta' espressjoni u fil-livell ta' manifestazzjoni.
21. Jekk jintuża, l-identifikatur tal-frammenti għandu jitqiegħed direttament wara l-aħħar element li jidentifika l-identifikatur tad-deċiżjoni sħiħa tal-qorti, li jista' jkun l-ECLI, jew l-espressjoni tal-ECLI-XL jew l-element ta' manifestazzjoni tal-ECLI-XL.
22. Il-framment dejjem ikun preċedut b'"#".
23. Meta jintuża bħala identifikatur, il-framment jintuża biex tiġi identifikata parti waħda.
24. Meta jintuża bħala referenza, il-framment jista' jirreferi wkoll għal aktar frammenti.
25. Il-framment singular jikkonsisti minn tikketta segwita minn element ta' numerazzjoni.
26. L-element tat-tikketta huwa obligatorju, u jrid ikun abbrevjazzjoni (bl-Ingliż) mil-lista li ġejja (it-terminu sħiħ / l-ispejgazzjoni tiżdied bejn il-parentesi):
 - a. part (parti)
 - b. sec (taqsima)
 - c. subsec (sottotaqsima)
 - d. para (paragrafu)

- e. subpara (sottoparagrafu)
 - f. head (intestatura, il-parti tas-sentenza li fiha informazzjoni bħall-ismijiet tal-partijiet, ir-rappreżentanti, id-data meta ttieħdu d-deċiżjonijiet, in-numru tal-kawża eċċ.)
 - g. facts (il-parti tas-sentenza fejn jiġu ddikjarati l-fatti)
 - h. reason (raġunament, il-parti tad-deċiżjoni li fiha r-raġunament tal-imħallef)
 - i. dec (deċiżjoni, jiġifieri l-parti konklużiva tas-sentenza)
 - j. anx (anness)
27. L-element ta' numerazzjoni jsegwi immedjatement l-element tat-tikketta, mingħajr interpunzjoni jew spazju abjad.
28. L-element ta' numerazzjoni:
- a. Jista' jitħalla barra jew ikun singular jekk jintuża bħala identifikatur, filwaqt li jista' jitħalla barra, ikun singular jew plural jekk jintuża bħala referenza.
 - b. Mhuwiex obligatorju għat-tikketta "head", "facts", "reason", "dec" u "anx". Għat-tikketti l-oħrajn kollha, l-element ta' numerazzjoni huwa obligatorju.
 - c. Jista' jkun fih (kwalunkwe kombinazzjoni ta') ċifri numeriċi Għarab jew ittri bil-Latin kif ukoll tikek.
29. Framment singular jista' jkollu struttura ġerarkika, bil-framment prinċipali msemmi l-ewwel. L-elementi mbejta jiġu separati b'sing. Ma hemmx preskrizzjonijiet dwar il-ġerarkija possibbli, ħlief li daww l-elementi ġerarkiċi bl-istess tikketti ma jistgħux jingħaqdu f'ġerarkija waħda.

30. Framment plural:

- a. Jista' jkun fih firxa (serje ta' elementi konsekuttivi) tal-istess livell ġerarkiku, li għalihom irid jintuża sing (“-”) bejn l-ewwel u l-aħħar element ta' numerazzjoni tal-firxa. It-tikketta ma għandhiex tiġi ripetuta qabel l-aħħar element ta' numerazzjoni;
- b. Jista' jkun fih lista (serje ta' elementi mhux konsekuttivi) tal-istess livell ġerarkiku, li għaliha trid tintuża virgola biex tissepara l-elementi ta' numerazzjoni. It-tikketta ma għandhiex tiġi ripetuta qabel kull element ta' numerazzjoni;
- c. Jista' jkun fih kombinazzjoni ta' firxa u lista għal elementi tal-istess livell ġerarkiku;
- d. Jista' jkun fih lista (iżda mhux firxa) ta' elementi b'tikketti differenti li ma jkunux imbejta. Dawn l-elementi jiġu separati b'virgola.

D. Riżoluzzjoni

- 31. Kwalunkwe applikazzjoni li ma tistax tinterpreta ECLI-XL għandha tkun tista' tinjora dawk l-estensjonijiet. Dan jista' jsir billi jitneħħa kollox minn parenteżi ta' ftuħ (“(”) 'il quddiem (parenteżi inklużi), jew, jekk ma tintużax HTTP, minn hash (“#”) 'il quddiem, skont liema waħda tiġi l-ewwel.
- 32. Is-siti web li jiżviluppaw mekkaniżmu biex URI tal-ECLI-XL jitwassal għall-espressjoni, il-manifestazzjoni jew il-framment korrett, għandhom jipprevedu metodu li jittratta URIs tal-ECLI-XL li ma jeżistux f'dak is-sit web speċifiku. Dan jista' jiġi implimentat, pereżempju, billi wieħed jintbagħat fuq ħarsa ġenerali lejn il-verżjonijiet tal-ECLI li jkunu disponibbli minflok, jew li jiġi deċiż liema “l-aħjar tqabbila” għandha tiġi ppreżentata.

III. METADATA

A. Introduzzjoni

33. It-Taqsima B fiha l-iskema tal-metadata mill-verżjoni oriġinali ta' dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill. It-Taqsima C fiha ħarsa ġenerali aġġornata u estiża lejn il-metadata. Biex ma tikkomplicax il-mudelli tad-data u l-funzjonament tal-bażijiet ta' data nazzjonali u l-konnessjonijiet tagħhom mal-interfaċċa tat-tiftix tal-ECLI, l-iskema l-ġdida tal-metadata tinkludi kompletament l-iskema tal-metadata oriġinali u tibni fuqha, għalkemm minn perspettiva teknika setgħet tintgħażel konvenzjoni ta' tismija oħra. B'eċċezzjoni, l-adattamenti għall-iskema oriġinali li ġew implimentati fl-iskema XML użata għall-interkonnessjoni bejn ir-repożitorji tal-Istati Membri u l-interfaċċa tat-tiftix tal-ECLI ġew implimentati fit-Taqsima C ukoll.

B. L-Iskema tal-Metadata Oriġinali

34. Sabiex tizzied il-komprensibbiltà u t-traċċabilità tal-każistika, kull dokument li fih deċizzjoni ġuridika għandu jkollu sett ta' metadata kif deskritt f'dan il-paragrafu. Din il-metadata għandha tiġi deskritta kemm jista' jkun possibbli skont l-istandards stabbiliti mid-Dublin Core Metadata Initiative (minn hawn 'il quddiem: DCMI), u kif speċifikat aktar f'dan il-paragrafu.
35. Kull dokument li huwa istanza ta' sentenza jew deskrizzjoni tagħha għandu, u fil-każ li jrid ikun jista' jitfittex bl-interfaċċa kif deskritt fil-parti VI irid, ikollu l-metadata segwenti:

- a. dcterms:identifier

URL fejn dan id-dokument ta' istanza, jew l-informazzjoni dwaru, jistgħu jinstabu. Dan jista' jkun f'forma ta' web-based resolver flimkien mal-ECLI, jew kull URL ieħor.

b. dcterms:isVersionOf

Il-forma ta' dan l-element trid tkun ECLI, kif deskritt fil-parti I.

c. dcterms:creator

L-isem sħiħ tal-qorti. L-isem tal-awla jew id-diviżjoni tista' tkun inkluża.

d. dcterms:coverage

Il-pajjiż fejn il-qorti jew it-tribunal għandu s-sede.

Tista' tinkludi wkoll parti ta' stat (federali) biex tispeçifika l-ġurisdizzjoni territorjali.

e. dcterms:date

Id-data tad-deċizzjoni, li trid tkun miktuba f'konformità ma' ISO8601.

f. dcterms:language

Il-lingwa trid tkun abbrevjata, skont il-Gwida tal-istil interistituzzjonali. Fil-każ ta' lingwi li mhumiex inklużi f'din il-gwida tal-istil jrid jintuża ISO 639.

Il-lingwa mhix (neċessarjament) il-lingwa tas-sentenza oriġinali, iżda l-lingwa (prinċipali) tad-dokument tal-istanza.

g. dcterms:publisher

L-organizzazzjoni (kummerċjali jew pubblika) responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' din l-istanza tas-sentenza.

h. dcterms:accessRights

Dan l-ispazju jrid ikollu wieħed minn żewġ valuri: "public" jew "private". Jekk ikun "public" id-dokument fuq il-URL indikat irid ikun aċċessibbli minn kulħadd, inkella jrid jintuża l-valur "private", kemm jekk l-aċċess għall-karattru mhux pubbliku jkun minħabba raġunijiet kummerċjali jew oħrajn.

i. dcterms:type

Dan l-ispazju jista' jkollu informazzjoni dwar it-tip ta' deċiżjoni mogħtija, skont skema. Dan l-ispazju jirreferi b'mod awtomatiku għal "judicial decision" (deċiżjoni ġuridika) biex jiddistingwih minn tipi oħra ta' dokumenti.

36. Kull dokument li huwa istanza ta' sentenza jista' jkun fih il-metadata segwenti:

a. dcterms:title

L-ispazju tat-titolu m'għandux ikun replika ta' spazji oħra. Preferibbilment għandu jintuża l-isem tal-partijiet jew psewdonimu, skont il-prattika nazzjonali u r-regoli għall-protezzjoni tad-data.

b. dcterms:subject

L-ispazju tas-suġġett jintuża biex jindika l-qasam tal-liġi. Għandu jinkludi wieħed jew aktar punti minn skema li fiha valuri għal-liġi ċivili, il-liġi kummerċjali, il-liġi tal-familja, il-liġi tal-insolvenza, il-liġi internazzjonali privata, il-liġi kriminali, il-liġi tal-UE, il-liġi amministrattiva, il-liġi dwar it-tassazzjoni, il-liġi pubblika internazzjonali u l-liġi kostituzzjonali, u jista' jkollu deskrizzjoni aktar speċifika tal-qasam tal-liġi.

c. dcterms:abstract

Dan l-ispazju fih riassunt jew sommarju tal-każ, li mhuwiex deskrizzjoni, klassifikazzjoni jew interpretazzjoni.

d. dcterms:description

Dan l-ispazju fih elementi deskrittivi, sew jekk f'forma ta' kliem prinċipali jew noti fil-bidu tal-paġna.

e. dcterms:contributor

Ismijiet tal-imħallfin, l-Avukat Ġenerali jew persunal ieħor involut.

f. dcterms:issued

Id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan id-dokument tal-istanza tad-deċiżjoni. Id-data trid tinkiteb f'konformità ma' ISO8601.

g. dcterms:references.

i. Referenzi għal dokumenti (legali) oħra.

- 1) Jekk dawn ir-referenzi huma għal sentenzi oħra nazzjonali, tal-UE jew tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), irid jintuża l-ECLI jekk id-dokument riferut għandu ECLI, inkella għandu jkollu referenzi oħra.
- 2) Jekk dawn ir-referenzi huma għal strumenti legali tal-UE, preferibbilment jintuża l-Identifikatur tal-Leġislazzjoni Ewropea, jekk ikun disponibbli; inkella n-numru CELEX.
- 3) Jekk dawn ir-referenzi huma għal strumenti legali nazzjonali, sentenzi li ma għandhomx ECLI jew għal kitbiet akkademiċi għandhom jintużaw URLs disponibbli jew sistemi ta' identifikazzjoni oħrajn.

h. dcterms:isReplacedBy

Ladarba jinħareġ, ECLI jrid ikun persistenti. Madankollu l-enumerar mill-ġdid ma jistax jiġi evitat, minħabba żbalji amministrattivi jew meta ECLI jiġi assenjat għal deċiżjonijiet b'kodiċi tal-qorti li qabel kien XX (skont it-taqsima 1). F'każ ta' tali enumerar mill-ġdid, l-ECLI l-ġdid irid jiġi rreġistrat f'dan l-ispazju. Dan l-ispazju m'għandu jkollu ebda tip ta' informazzjoni oħra.

37. Il-metadata kollha f'dan il-paragrafu li m'għandhiex format fiss jew li mhijiex ibbażata fuq skema jrid ikollha attribut lingwistiku.

C. L-Iskema tal-Metadata Riveduta

38. Tista' teżisti metadata fid-diversi livelli tad-dominju tal-FRBR. F'din it-taqsima huma speċifikati għal-livelli ta' xogħol, espressjoni u manifestazzjoni. Il-metadata hija klassifikata sal-livell tal-FRBR tagħha abbażi tal-mira tad-dikjarazzjoni tal-metadata, mhux abbażi tal-livell tal-FRBR li jaħdem fuqu l-awtur tal-metadata ("awtur" għax-xogħol, "kompilatur" għall-espressjoni jew "editor" għall-manifestazzjoni). Għalhekk, kull kompilatur jista' jagħmel dikjarazzjonijiet ta' metadata dwar il-livell tax-xogħol u dwar l-espressjoni tiegħu stess, mhux dwar l-espressjonijiet ta' kompilatur ieħor.
39. L-iskema ta' metadata riveduta u estiża tista' tintuża b'mod indipendenti mill-użu ta' ECLI-XL.
40. Il-metadata hija fformulata fi speċifikazzjoni funzjonali. Ma hemm ebda qafas tekniku preskritt li jesprimi l-metadata, sabiex ma tiġi imposta ebda soluzzjoni teknika. F'kooperazzjoni mal-Grupp ta' Esperti tal-ECLI, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa standard tekniku biex tistandardizza l-iskambju tal-metadata bejn il-Magna tat-Tiftix tal-ECLI u r-repożitorji nazzjonali.

41. It-tabelli fit-taqsimiet li ġejjin, li jispeċifikaw il-metadata għax-xogħol, l-espressjoni u l-manifestazzjoni, jinkludu l-kolonna li ġejjin:
- a. Isem tekniku: l-isem li għandu jintuża fi skemi, bazzjiet ta' data u bħala tikketti tal-ispazji fid-dokumenti;
 - b. Isem funzjonali: l-isem tal-ispazju li jista' jinqara minn bniedem;
 - c. Kardinalità (CAR); jista' jkollha l-valuri li ġejjin:
 - i. 0:1 Spazju fakultattiv, jista' jkun fih valur wieħed biss;
 - i. 1:1 Obbligatorju, irid ikun fih eżatt valur wieħed;
 - ii. 0:n Fakultattiv, jista' jkun fih valuri multipli;
 - iii. 1:n Obbligatorju, jista' jkun fih valuri multipli;
 - d. Multilingwi (ML): tindika jekk l-ispazju huwiex jew jistax ikun differenti b'lingwi differenti. Jekk iva, ikun meħtieġ attribut lingwistiku;
 - e. Tip: tindika t-tip tekniku tal-ispazju;
 - f. Valuri fissi: tindika jekk il-valuri fissi humiex definiti, u jekk iva, liema;
 - g. Rimarki: spjegazzjoni.

42. Metadata tal-livell tax-xogħol

Isem tekniku	Isem funzjonali	CAR	ML	Tip	Valuri fissi	Rimarki
Riassunt	Riassunt	0:n	Iva	Sekwenza		
CaseNumber	Numru tal-kawża	0:n	Le	Sekwenza		
Kontributur	Kontributur	0:n	Iva	Sekwenza		L-użu tal-ispazji “party”, “judge” u “otherThanJudge” huwa rakkomandat, “contributor” jista’ jintuża jekk ma tkun tista’ ssir ebda distinzjoni.
Kopertura	Kopertura	1:n	Iva	Sekwenza		- Il-pajjiż jew territorju fejn il-qorti jew it-tribunal għandu s-sede tiegħu (obbligatorju); - Parti ta' stat (federali) biex tispeċifika l-ġurisdizzjoni territorjali (fakultattiv).
Awtur	Awtur	1:n	Iva	Sekwenza		Isem il-qorti. Isem l-awla jew id-diviżjoni (jekk ikun hemm) preferibbilment jinkiteb f’“division”.
Data	Id-data meta nġatat is-sentenza	1:1	Le	Data		Id-data li fiha tkun tħabbret pubblikament id-deċiżjoni (kif maħsub fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem).
DateDeposit	Id-data tad-depożitu	0:1	Le	Data		F’xi ġurisdizzjonijiet id-data tad-depożitu tad-deċiżjoni hija rilevanti.
Deskrizzjoni	Deskrizzjoni	0:n	Iva	Sekwenza		Elementi deskrittivi, sew jekk f’forma ta’ kliem prinċipali jew noti fil-bidu tal-paġna

Isem tekniku	Isem funzjonali	CAR	ML	Tip	Valuri fissi	Rimarki
Diviżjoni	Diviżjoni	0:n	Iva	Sekwenza		Isem l-awla jew id-diviżjoni fi ħdan il-qorti li tkun tat id-deċizzjoni.
GlobalAlias	Psewdonimu ġenerali	0:n	Iva	Sekwenza		Din tista' tkun kwalunkwe "laqam", "isem komuni" "deżinjazzjoni tal-partijiet" jew "isem ta' kawża" li jintuża fil-komunità legali biex jirreferi għal deċizzjoni tal-qorti. Tista' timtela wkoll b'"ċitazzjonijiet paralleli" jew identifikaturi assenjati minn perjodiċi legali.
Importance	Livell ta' importanza	0:1	Le	Sekwenza	- baxx - medju - għoli	Dan huwa d-denominatur komuni l-aktar baxx għal kull tip ta' klassifikazzjoni tal-importanza (ġuridika). - Importanza baxxa: deċizzjonijiet li mhumie x importanti minn perspettiva ġuridika jew tas-soċjetà. Tali deċizzjonijiet huma sempliċi applikazzjoni tal-liġi proċedurali jew sostantiva, abbozzati bl-użu ta' formoli standard u/jew ippubblikati biss biex jikkonformaw ma' qafas legali jew ta' politika. - Importanza medja: deċizzjonijiet li fihom l-imhallett ma jkun iddeċieda dwar ebda kwistjoni legali importanti, iżda li fihom sab lok li jevalwa l-fatti u/jew iqis l-evidenza, jew ħa deċizzjoni dwar kwistjonijiet legali f'konformità mal-każistika eżistenti. - Importanza għolja: deċizzjonijiet li jbiddu, jirfinaw, jirrestrinġu jew iwessgħu l-każistika preċedenti, jew li jkunu ngħataw dwar suġġett legali li kien għadu ma ġiex deċiż jew kwistjoni kontroversjali għas-soċjetà.

Isem tekniku	Isem funzjonali	CAR	ML	Tip	Valuri fissi	Rimarki
IsVersionOf	L-identifikatur ECLI	1:1	Le	Sekwenza		Fih kemm il-varjant taż-żewġ punti (ittri kbar jew żgħar, skont il-preferenza) kif ukoll il-varjant tal-linja mmejla (b'ittri żgħar, bħala parti minn URI).
Imħallef	Imħallef	0:n	Iva	Sekwenza		Tip speċifiku ta' kontributur
NeutralCitation	Ċitazzjoni newtrali	0:1	Le	Sekwenza		F'xi pajjiżi (li jużaw il-"common law") tintuża "ċitazzjoni newtrali" biex tiġi ċitata deċiżjoni tal-qorti mingħajr ma jiġi identifikat min ipprovdha jew ippubblikha. Jekk ikun magħruf, dan l-ispazju jista' jimtela biċ-ċitazzjoni newtrali, biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà internazzjonali.
OfficialLanguage	Lingwa uffiċjali	1:n	Le	Sekwenza		Din għandha tindika l-lingwa/i uffiċjali li biha/bihom ingħatat id-deċiżjoni. Għandu jkun fiha l-kodiċi tal-lingwa kemm tal-ISO 3166-1 alpha-3 kif ukoll tal-UE (jekk disponibbli)
Parti	Parti	0:n	Iva	Sekwenza		
PreferredForm	Forma preferuta	0:1	Le	Sekwenza	- uppercase - lowercase - mixedcase	Dan għandu jindika jekk fis-sintassi bbażata fuq iż-żewġ punt huwiex ippreferut li l-ECLI jinkiteb b'ittri kbar (mod awtomatiku), b'ittri żgħar jew b'ittri kbar u żgħar.
ProfNonJudge	Professjonisti involuti minbarra mħallfin	0:n	Iva	Sekwenza		Tip speċifiku ta' kontributori, jista' jintuża għal persuni involuti professjonalment fil-kawża, minbarra mħallfin.

Isem tekniku	Isem funzjonali	CAR	ML	Tip	Valuri fissi	Rimarki
Referenza	Referenza	0:n	Iva	String/URI	L-element għandu żewġ attributi (obbligatorji): "tip" u "relazzjoni". Valuri possibbli għall-attribut "tip": - celex - ecli - eli - patent - patent_application - akn - other (mod awtomatiku) Valuri possibbli għall-attribut "relazzjoni": - citing - citedBy - followedBy - precededBy	Hemm xi restrizzjonijiet fuq il-kombinazzjonijiet tal-attributi. - "citing" jista' jiġi kkombinat ma' kwalunkwe "tip"; - "citedBy" jista' jiġi kkombinat ma' "celex", "ecli", "patent", "patent_application", "akn", "other"; - "followedBy" jista' jiġi kkombinat ma' "ecli" - "precededBy" jista' jiġi kkombinat ma' "ecli";

Isem tekniku	Isem funzjonali	CAR	ML	Tip	Valuri fissi	Rimarki
ReplacedBy	Sostitwit minn	0:n	Le	Sekwenza		"replacedBy" jintuża għal dawn is-sitwazzjonijiet biss: - Id-deċiżjoni tal-qorti tkun baqgħet l-istess, iżda minħabba nuqqas amministrattiv jew teknoloġiku kellha tiġi rreġistrata mill-ġdid taħt ECLI ieħor; dan jinkludi sitwazzjonijiet fejn espressjoni tkun ġiet irreġistrata preċedentement bħala ECLI separat, iżda tiġi rreġistrata mill-ġdid – bl-użu tal-ECLI-XL – bħala espressjoni ta' ECLI ieħor; - Identifikatur ECLI li kellu element tad-data tal-kalendarju b'erba' ċifri jkun ġie sostitwit b'ECLI b'element tad-data bi tmien ċifri; - ECLI li jkollu kodiċi tal-qorti "XX" ikun ġie assenjat ECLI ieħor – li ma jkunx fih il-kodiċi tal-qorti "XX" – mill-istess koordinatur tal-ECLI jew ieħor.
Jissostitwixxi	Jissostitwixxi	0:n	Le	Sekwenza		Il-kontra ta' ReplacedBy
SameAs (owl)	Pseudonimu fiss	1:1	Le	URI		Dan fih l-identifikatur assolut URI tax-xogħol fuq http(s)://ecli.eu .

Isem tekniku	Isem funzjonali	CAR	ML	Tip	Valuri fissi	Rimarki
Suġġett	Suġġett	0:n	Iva	Sekwenza	- civil law - commercial law - family law - insolvency law - private international law - criminal law - EU law - administrative law - tax law - international public law - constitutional law - public accounting law	Jekk jintuża, għandu jkun fih wieħed jew aktar mill-valuri fissi, u jista' mbagħad ikollu wkoll valuri addizzjonali.

Isem tekniku	Isem funzjonali	CAR	ML	Tip	Valuri fissi	Rimarki
Titolu	Titolu	0:1	Iva	Sekwenza		
TypeDocument	Tip ta' dokument	1:1	Iva	Sekwenza	- judicial decision (mod awtomatiku) - judgment - court order - conclusion - opinion - preliminary question - preliminary decision - follow-up on preliminary decision	

43. Metadata tal-livell ta' espressjoni

Isem tekniku	Isem funzjonali	CAR	ML	Tip	Valuri fissi	Rimarki
AccessRights	Drittijiet ta' Aċċess	1:1	Le	Sekwenza	- private - public	Id-“drittijiet ta' aċċess” jappartjenu għall-kwistjoni dwar jekk it-test tad-deċiżjoni fl-espressjoni minn dan il-kompilatur ikunx disponibbli biss permezz ta' abbonament (bi ħlas).
AuthoritativenessExpression	Awtorevolezza tal-espressjoni	1:1	Le	Sekwenza	- iva - le - mhux magħruf	“Awtorevoli” ma tfissirx li hija l-verżjoni “awtentika”, iżda li l-espressjoni hija “awtorizzata”, rikonoxxuta bħala uffiċjali.
Kompilatur	Kompilatur	0:1	Iva	Sekwenza		Fiha l-isem sħiħ tal-awtur tal-Espressjoni. Attribut għal dan l-element fih il-kodiċi ECLI-XL għall-kompilatur, jekk disponibbli.
CompilerSpecificExpression	Espressjoni speċifika għall-kompilatur	0:n	Iva	Sekwenza		Kwalunkwe rimarka fuq l-espressjoni speċifika dwar din l-espressjoni speċifika għall-kompilatur li ma tista' tiġi deskritta f'ebda spazju ieħor ta' metadata.
ComprehensivenessExpression	Komprensività tal-espressjoni	0:1	Iva	Sekwenza	- full - abridged - summarised	
ExpressionIdentifier	Identifikatur tal-espressjoni	0:n	Le	Sekwenza		Jekk l-espressjoni jkollha l-identifikatur tagħha stess jew forma ta' ċitazzjoni preferuta, minbarra ECLI jew ECLI-XL, din tista' tiġi pprovduta hawnhekk (eż. “ċitazzjoni parallela”).

Isem tekniku	Isem funzjonali	CAR	ML	Tip	Valuri fissi	Rimarki
CreationDateExpression	Data tal-ħolqien tal-espressjoni	0:1	Le	data		
EclixlIdentifierExpression	Parti mill-Identifikatur ECLIXL li tikkorrispondi mal-espressjoni	0:1	Le	Sekwenza		Jekk jimtela, ikun fih kemm il-varjant taż-żewġ punti (b'ittri kbar jew b'ittri żgħar skont il-preferenza) kif ukoll il-varjant tal-linja mmejla (b'ittri żgħar).
Issued	Data tal-ħruġ	0:1	Le	data		Din hija d-data li fiha tkun saret disponibbli din l-espressjoni partikolari, eż. data ta' pubblikazzjoni.
LanguageExpression	Lingwa tal-Espressjoni	0:1	Le	Sekwenza		Jista' jibqa' vojta jekk tkun l-unika lingwa uffiċjali tax-xogħol. Għandha tingħata bħala ISO 3166-1 alpha-3. Jista' jkun fih attribut (fakultattiv) mil-lista: - 'officialLanguage' (f'każ li jkun hemm aktar minn lingwa uffiċjali waħda) - "authorisedTranslation" - "nonAuthorisedTranslation"

Isem tekniku	Isem funzjonali	CAR	ML	Tip	Valuri fissi	Rimarki
TemporalExpression	Tip ta' espressjoni temporali	0:1	Iva	Sekwenza	- Oriġinali - Emendat	
Validità	Validità	0:1	Le	data		Jista' jkun fih "startDate" u/jew "endDate". Huwa rakkomandat li jintuża jekk ikun hemm espressjonijiet temporali differenti.

44. Metadata fil-livell ta' manifestazzjoni

Isem tekniku	Isem funzjonali	CAR	ML	Tip	Valuri fissi	Rimarki
AuthoritativenessManifestation	Awtoritarjetà tal-Manifestazzjoni	0:1	Le	Sekwenza	- iva - le	
CreationDateManifestation	Data tal-ħolqien tal-manifestazzjoni	0:1	Le	data		
DataFormat	Format tad-data	1:1	Le	Sekwenza	- doc - docx - html - json - odt - pdf - rdf - rtf - tiff - txt - xhtml - xml	
Editur	Editur	0:1	Iva	Sekwenza		Awtur tal-Manifestazzjoni, jekk rilevanti.

Isem tekniku	Isem funzjonali	CAR	ML	Tip	Valuri fissi	Rimarki
EcliXLIdentifierManifestation	Parti mill-Identifikatur ECLI-XL li tikkorrispondi mal-manifestazzjoni	0:1	Le	Sekwenza		Jekk jimtela, ikun fih kemm il-varjant taż-żewġ punti (b'ittri kbar jew b'ittri żgħar skont il-preferenza) kif ukoll il-varjant tal-linja mmejla (b'ittri żgħar), it-tnejn bħala parti mill-URI
Identifikatur	Identifikatur	1:n	Le	URI		Dan l-element jista' jintuża biex jiġi rkuprat id-dokument proprju. Preferibbilment jinkiteb bħala identifikatur ECLI-XL, iżda dan mhuwiex obligatorju.

IV. DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI NAZZJONALI

A. Il-Koordinatur Nazzjonali tal-ECLI

45. Kull Stat Membru li juża l-ECLI jrid jaħtar organizzazzjoni governattiva jew ġudizzjarja bħala l-koordinatur nazzjonali tal-ECLI. Pajjiż wieħed m'għandux ikollu aktar minn koordinatur wieħed għall-ECLI.
46. Il-koordinatur nazzjonali tal-ECLI huwa responsabbli:
- a. għal-lista tal-qradi u t-tribunali li jista' jkollhom kodiċi kif imsemmi fit-taqsimi I;
 - b. li jiddeċiedi jew jikkoordina dwar jekk l-element tad-data fl-ECLI għandux ikun magħmul minn erba' jew tmien ċifri u sa liema punt;
 - c. li jipparteċipa fil-grupp ta' esperti tal-ECLI tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Leġislazzjoni Elettronika.
47. Il-koordinatur nazzjonali tal-ECLI għandu jippubblika fuq il-websajt tal-ECLI, kif definit fil-patri V, informazzjoni li tiddeskrivi l-mod li bih huwa kompost in-numru ordinali kif ukoll informazzjoni oħra rigward il-mod kif l-ECLI ikun qed jiġi implimentat.
48. Jekk fi Stat Membru l-użu ta' XX bħala kodiċi tal-qorti jkun permess għal deċiżjonijiet minn ġurisdizzjonijiet oħra, jenħtieġ li, jekk u meta fi ħdan il-ġurisdizzjoni l-oħra jkunu qed jiġu assenjati ECLIs tal-post għal daww id-deċiżjonijiet, il-koordinatur nazzjonali tal-ECLI jieħu azzjoni xierqa biex jissostitwixxi dawn l-XX-ECLIs b'ECLIs tal-post, bl-użu tal-element <ReplacedBy/>. Ma hemm ebda obbligu għal ebda koordinatur tal-ECLI li jimla l-element <Replaces/> b'ECLIs b'kodiċi tal-qorti XX li seta' ġie assenjat minn Stati Membri oħra.

B. Implimentazzjoni

49. L-implimentazzjoni nazzjonali tal-ECLI hija responsabbiltà nazzjonali, minkejja d-disponibbiltà possibbli ta' finanzjament Ewropew.

50. Il-qrati u t-tribunali fl-istess pajjiż jistgħu jissieħbu fis-sistema tal-ECLI f'perijodi differenti.
51. Sabiex tiġi faċilitata r-referenza għalihom, l-ECLI għandu jintuża wkoll f'materjalizzazzjonijiet fiżiċi tas-sentenza nnifisha.
52. Huwa rrakkomandat li jiġi assenjat ECLI għas-sentenzi kollha li jkunu ngħataw, u mhux biss għal dawk li jiġu ppubblikati fuq il-websajts tal-ġudikatura.
53. L-ECLI jista' jkun assenjat lil sentenzi mill-passat. Approċċ bħal dan huwa mħeġġeġ.
54. Fil-livell nazzjonali l-assenjar tal-ECLI għandu jkun organizzat bħala servizz separat, f'konformità mal-linji gwida tal-Qafas Ewropew tal-Interoperabbiltà.
55. Meta jiġi inkluż f'deċiżjoni tal-qorti jew stampat fuqha, huwa rrakkomandat li mhux biss jidher l-ECLI f'sintassi bbażata fuq iż-żewġ punti, iżda li tidher ukoll HTTP URI tal-manifestazzjoni. Din tal-aħħar tista' tiġi ttikkettata bħala "dan id-dokument", "din il-verżjoni" jew tikketta komparabbli.

V. IL-WEBSAJT TAL-ECLI

56. Għandha tkun stabbilita websajt tal-ECLI; din il-websajt għandha tkun parti mill-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.
57. Il-websajt għandu jkun fiha:
 - a. informazzjoni dwar il-format u l-użu tal-ECLI. Fir-rigward tal-format għandu jkun fiha:
 - i. ir-regoli tal-iformattjar kif deskritti fil-parti I.
 - ii. (referenza għal) lista bl-abbrevjazzjonijiet tal-pajjiżi parteċipanti.

- iii. listi ta' kull pajjiż tal-abbrevjazzjonijiet użati għall-qrati u t-tribunali parteċipanti. L-ismijiet tal-qrati għandhom jiġu tradotti bil-lingwi kollha, skont it-teżawru multilingwi tal-ismijiet tal-organizzazzjonijiet kif imniżżla biex jintużaw fil-Portal tal-Ġustizzja Elettronika, u b'hyperlinks għad-deskrizzjonijiet ta' dawn il-qrati kif jinsabu fil-Portal tal-Ġustizzja Elettronika jew kwalunkwe websajt oħra – jekk disponibbli.
 - iv. deskrizzjoni tar-regoli tal-ifformattjar tan-numru ordinali għal kull pajjiż (jekk disponibbli).
 - v. informazzjoni teknika.
- b. informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-metadata.
 - c. informazzjoni dwar il-koordinaturi nazzjonali tal-ECLI: ir-rwol u r-responsabbiltajiet tagħhom, iżda wkoll informazzjoni ta' kuntatt għal kull pajjiż.
 - d. il-websajt għandha toffri aċċess għall-Magna tat-Tiftix tal-ECLI.

VI. IL-MAGNA TAT-TIFTIX TAL-ECLI

- 58. Għandu jkun hemm Magna tat-Tiftix tal-ECLI għat-tiftix ta' deċiżjonijiet tal-qorti permezz tal-ECLI, il-metadata u t-test.
- 59. F'konformità mal-pjan ta' azzjoni Ewropew dwar il-Ġustizzja Elettronika, il-Magna tat-Tiftix tal-ECLI għandha tkun waħda deċentralizzata: bażi ta' data fil-livell Ewropew m'għandux ikollha l-għan li tissostitwixxi soluzzjonijiet nazzjonali.
- 60. Il-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli għall-funzjonament tekniku tal-Magna tat-Tiftix tal-ECLI.

61. Ir-reġistru tal-kompilaturi tal-espressjonijiet irid jinżamm mill-Kummissjoni u għandu jkun aċċessibbli permezz tal-Magna tat-Tiftix tal-ECLI.
62. Il-Magna tat-Tiftix tal-ECLI għandu jkollha RESTful API.
63. Għall-utenti finali, il-Magna tat-Tiftix tal-ECLI trid tkun disponibbli permezz tal-websajt tal-ECLI, għalkemm m'għandhiex għalfejn tkun parti teknika integrali tagħha.
64. Il-Kummissjoni Ewropea trid tagħmel disponibbli interfaċċa li tkun deskritta tajjeb għall-indiċjar tal-bażijiet ta' data b'deċiżjonijiet tal-qorti permezz tal-Magna tat-Tiftix tal-ECLI.
65. F'każ ta' abbuż jew imġiba ħażina, il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tinnega lil organizzazzjoni d-dritt li tkun konnessa mal-Magna tat-Tiftix tal-ECLI, jew li organizzazzjoni tiġi skonnettjata f'każ ta' ksur sistematiku.
66. Riżolutur irid ikun disponibbli fuq <https://e-justice.europa.eu/ecli/> li jfisser li jekk jinkitbu l-ittri ECLI wara dan l-indirizz elettroniku tintwera d-data disponibbli fuq dan l-ECLI permezz tal-interfaċċa tat-tiftix. Barra minn hekk, tista' tintuża wkoll <https://ecli.eu>.

VII. L-ECLI FL-UE

67. Il-koordinatur tal-ECLI għall-ġurisdizzjonijiet tal-UE huwa l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.
68. Fejn xieraq fl-Anness I "pajjiż" jew "Stat Membru" għandu jaqra "UE".

Dwar l-użu tal-ECLI u tal-ECLI-XL fit-testi ġuridiċi

1. L-isem “ECLI” għandu jintuża biss biex jindika deċiżjoni tal-qorti fil-livell tax-xogħol.
2. Huwa rrakkomandat li jintuża l-ECLI biex jiġu ċitati d-deċiżjonijiet tal-qorti, bħala mod preferut jew addizzjonali ta' ċitazzjoni.
3. Meta jintuża għal ċitazzjoni, ECLI għandu dejjem jinkiteb sħiġ. Ebda element ma għandu jitħalla barra.
4. Meta l-ECLIs jiġu ċitati f'testi li huma maħsuba biex jinqraw mill-bniedem, huwa rrakkomandat ferm li tintuża s-sintassi bbażata fuq iż-żewġ punti b'ittri kbar jew b'ittri żgħar skont il-preferenza.
5. Meta, f'dokumenti legali, isiru referenzi għal deċiżjonijiet tal-qorti, f'magħġoranza tal-każijiet ir-referenza hija maħsuba biex issir fuq il-livell tax-xogħol, indipendentement minn varjant speċifiku lingwistiku, temporali, editorjali jew ieħor. Għalhekk, l-ECLI għandu jintuża biex issir tali referenza, mingħajr ebda indikazzjoni ta' varjant speċifiku.
6. Jistgħu jeżistu eċċezzjonijiet għal din ir-regola jekk – għal raġunijiet legali jew dokumentarji – tkun trid issir referenza espliċita għal varjant speċifiku, eż. meta jitqabblu żewġ varjanti lingwistiċi.
7. ECLI-XL huwa mfassal biex jiddistingwi bejn dawn il-varjanti b'mod tekniku; madankollu, huwa rrakkomandat ferm li ECLI-XL ma jintweriex f'testi li huma maħsuba biex jinqraw mill-bniedem, iżda li r-referenza shiġha tal-ECLI-XL tintwera biss f'nota f'qiegħ il-paġna jew bħala kodiċi tekniku f'hyperlink.

8. Jekk is-sistemi ta' informazzjoni jippreferu jiggwidaw lill-utent għal espressjoni jew manifestazzjoni speċifika ta' deċiżjoni tal-qorti, għalkemm tali varjanti mhumiex ta' rilevanza legali, ir-rabta għandha tiġi stabbilita b'tali mod (eż. bl-użu ta' stylesheets) li l-utenti jkunu protetti minn kwalunkwe informazzjoni li tista' toħloq nuqqas ta' ftehim dwar il-livell ta' referenza maħsub.
9. Għall-kuntrarju tal-espressjoni jew manifestazzjoni speċifika ta' deċiżjoni tal-qorti, ir-referenzi f'testi legali għal partijiet speċifiċi ta' sentenza jsiru b'mod espliċitu u intenzjonalment. Peress li ECLI-XL huwa suxxettibbli għal żbalji meta r-referenzi għal frammenti jinbnew jew jinqraw mill-bniedem, huwa rrakkomandat ferm li l-użu tar-referenzi tal-ECLI-XL għal frammenti jsir biss f'hyperlinks u kodiċi ieħor li jinqara mill-magni, jew bħala informazzjoni addizzjonali f'noti f'qiegħ il-paġna, filwaqt li l-frammenti għandhom jiġu deskritti fit-test skont id-drawwiet jew il-gwidi lokali dwar iċ-ċitazzjonijiet.
